

## V

(Avviżi)

## PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni****(Każ COMP/M.6731 – Vitronet/Infinity)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 392/08)

1. Fit-12 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża Vitronet Holding GmbH mill-Ġermanja, ikkontrollata b'mod konġunt minn RWE Deutschland AG mill-Ġermanja u Aesop Sàrl mil-Lussemburgu, takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll sħiħ tal-impriża Infinity GmbH mill-Ġermanja, permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Vitronet Holding GmbH: l-ippjanar u l-kostruzzjoni tal-kejbils magħmulin mill-fibri tal-ħġieġ u netwerks u l-provvista ta' prodotti bitstream,

— għal RWE Deutschland AG: il-ġenerazzjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku u tal-gass,

— għal Aesop Sàrl: il-ġestjoni ta' investimenti, b'fowkus fuq l-industrija tat-telekomunikazzjoni,

— għal Infinity GmbH: Servizzi tal-IT u softwer tal-IT (inkluża l-ġestjoni tad-dejta u l-kompressjoni tad-dejta) u netwerks ta' komunikazzjoni.

3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni hija tal-fehma li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-ttrattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet<sup>(2)</sup> ta' min jinnotta li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jippreżentaw lha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301) jew b'email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bin-numru ta' referenza COMP/M.6731 – Vitronet/Infinity, f'dan l-indirizz:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---